MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 158/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Ivan Mula**

**Illum 6 ta’ Lulju, 2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 572280(M) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli ghax-xahar ta’ Settembru, 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b’kuntratt naqas li jaghti lil Theresa Mula u/jew lil Uliedek is-somma ffissata minn xi Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax il-jum minn dak li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Marzu, 2012, li biha wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’

Malta sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 ta' Marzu, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lil imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kwindi tilliberah skond il-ligi, alternattivament, f'kaz illi dan l-appell ma jintlaqax joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena jew snazjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

1. Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li r-rizultanzi processwali huma nieqsa mill-piz ta' prova tali rikjesta fil-kamp penali li twassal sal grad tac-certezza morali, u dan fis-sens illi l-esponenti ma kienx hallas il-manteniment reklamat mill-mara tieghu. Fil-kuntest tal-fatt mhux kontradett, illi l-esponent dejjem hallas il-manteniment, il-versjoni tieghu bil-gurament illi huwa effettivament hallas il-manteniment ghax-xahar ta' Settembru 2011 fi flus kontanti xxaqqaq serjament il-verzjoni ta' martu. Bir-rispett jinghad illi l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tkun serena fil-konkluzjoni taghha li lahqet dwar ir-reita;
2. Illi minghajr pregudizzju ghal premess u kif ser jigi sottomess waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-esponent intimat jemmen illi fil-kaz odjern jezistu fatturi li jimmillitaw favur temperament fil-piena inflitta fl-Ewwel Qorti.

Ikkunsidrat :

B'verbal tas-27 ta' Gunju, 2012 il-parti civili Theresa Mula ddikjarat illi dak inhar stess irceviet il-flus dovuti lilha ghax-xahar ta' Settembru, 2011 u ghal dak li jirrigwarda din il-kawza ma kellhix aktar pretenzjonijiet kontra l-appellant.

L-aggravju tal-appellant kien fis-sens illi ma giex ippruvat sal-grad tac-certezza morali illi ma hallasx l-ammont dovut, anzi qieghed jghid li l-Ewwel Qorti skartat il-verzjoni tieghu bil-gurament illi huwa effettivament hallas il-manteniment ghax-xahar ta' Settembru 2011.

Dan l-aggravju jitfa` l-argument nettament fil-kamp tal-valutazjoni tal-provi illi l-Ewwel Qorti ghamlet b'mod sodisfacenti wara li hija semghet il-verzjoni kemm tal-appellant kif ukoll tal-parti civili u provi ohra li gabu l-prosekuzzjoni.

Ovvjament mhuwiex il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-apprezzament tal-meritu u hu zgur ghal dak li jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' htija l-ewwel sentenza m'ghandix tigi disturbata peress illi hija ragjonevoli u legalment korretta.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena l-Qorti mhihix avversa ghal fatt illi sar il-hlas fil-mori tal-kawza, fejn allura skond insenjament kostanti minn din il-Qorti ikun hemm il-kaz ta' temperament fl-istess piena.

Kif qalet Il-Pulizija vs Publius Said [25-09-2003] *"l-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fl-1983 (bl-ammenda tal-1986) kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti biex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpedixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet li ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kuntratwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz dan il-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena ........"*

Da huwa proprju dak illi gara f'din il-kawza, li fil-mori taghha, l-appellant hallas dak li kien dovut lil martu Therese.

Ghalhekk il-Qorti sejra tilqa` in parti l-appell tal-appellant, fis-sens illi tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu izda tirriforma s-sentenza ghal dak li jirrigwarda l-piena

fejn, flok gimgha detenzjoni tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------